MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 979/2002

**Marmista Limited u Paula Azzopardi.**

**-vs-**

**Lawrence Cuschieri u martu Rita Cuschieri u ghal kull interess illi jista’ jkollhom Joseph Azzopardi u martu Catherine Azzopardi.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-30 ta’ Awissu, 2002 li permezz taghha s-socjeta’ attrici ppremettiet:

Illi l-konvenuti konjugi Cuschieri ottenew il-hrug ta’ mandat ta’ qbid numru 1800/01 NS fl-ismijiet “Lawrence Cuschieri et vs

Joseph Azzopardi et" liema mandat (Dok A) gie ezegwit fit-8 ta' Jannar, 2002 u 27 ta' Lulju, 2002 fuq il-beni elenkati rispettivament f'Dok B u Dok C;

Illi l-oggetti maqbuda bl-imsemmi mandat ta' qbid jappartjenu lis-socjeta' attrici Marmista Limited ad eccezzjoni tal-pjanu Hyundai li jappartjeni lill-attrici Paula Azzopardi;

U illi s-socjeta' Marmista Limited gja avzat lill-konvenuti konjugi Cuschieri gew avzati illi parti mill-beni maqbuda jappartjenu lilha;

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Tiddikjara illi l-oggetti maqbuda bil-mandat ta' qbid numru 1800/01 huma proprjeta' tas-socjeta' Marmista Limited ad eccezzjoni tal-pianoforte;

2. tiddikjara illi l-pianoforte Hyundai maqbud bil-mandat ta' qbid numru 1800/01 jappartjeni lill-attrici Paula Azzopardi;

3. konsegwentement tiddikjara li l-imsemmi mandat ta' Qbid numru 1800/01 in kwantu jolqot l-oggetti appartenenti lill-atturi huwa null u bla effett u li ghalhekk l-imsemmija oggetti ma gewx maqbuda bl-imsemmi mandat;

4. konsegwentement tordna ir-rilaxx tal-oggetti appartenenti lill-atturi.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri bonarji datati 16 ta' Jannar, 2002 u 25 ta' Lulju, 2002 kontra il-konvenuti konjugi Cuschieri li huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fl-10 ta' Mejju, 2005 li permezz taghha eccepixxew;

Illi f'l-ewwel lok u in linea preliminary l-azzjoni attrici tigi dikjarata dezerta ai termini tal-artikoli 963(10 u 964(1) et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi fil-meritu l-oggetti in kwistjoni inqabdu mill-poter tal-konvenuti Azzopardi u l-presunzjoni fil-ligi hija li dawn jappartjenu lilhom;

Illi fi kwalsijasi kaz l-eccipjenti ma ghandhom jbatu l-ebda spejjez f'dan il-gudizzju.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat is-sentenza taghha ta' l-14 ta' Dicembru, 2005 li permezz taghha giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Mejju, 2007 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jitolbu li jigi dikjarat null il-mandat fuq imsemmi minhabba li l-oggetti kolpiti minnu jappartjenu lilhom u mhux lid-debitur fl-atti ta' dak il-mandat.

Kif jidher car mill-atti processwali l-kawza kienet diversi drabi differita biex l-atturi jressqu l-provi taghhom izda qatt ma ghamlu dan u finalment il-Qorti ddiferiet il-kawza ghas-sentenza.

Huwa car li kienu l-atturi li kellhom jipprovaw li l-oggetti in

kwistjoni ma kinux tad-debitur f'dak il-mandat izda taghhom u huwa daqstant car li huma naqsu li jaghmlu dan.

Kif qalet din il-Qorti fil-kawza Dr. H Lenicker vs J. Camilleri deciza fil-31 ta' Mejju, 1972; "F'kawza civili l-attur li jallega irid jipprova a sodisfazzjoni tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova l-azzjoni tieghu ma jkollux ezitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova)."

**Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjonijiet tal-konvenuti eccetto l-ewwel wahda li gia' giet michuda permezz tas-sentenza fuq imsemmija ta' l-14 ta' Dicembru, 2005 u tichad it-talbiet kollha attrici. L-ispejjez tal-kawza, eccetto dawk gia' decizi, jithallsu mill-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------